MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale

Avviz Numru. 16/12

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) u Elmo Insurance Limited (C 3500), ko-assikuraturi, kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom M Demajo Holdings Limited**

**vs**

**C&C Express Limited (C-32212) bhala agent tas-socjeta estera TNT, liema socjeta estera kellha isimha mibdul ghal TNT Skypack Hellas EPE permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti datat 12 ta' Lulju 2013**

Illum 30 ta’ Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-16 ta' Jannar 2012 fejn is-socjetajiet attrici, flimkien, talbu lill dina l-Qorti tordna lis-socjeta intimata thallas lill-istess is-somma ta' sebat elef, tmein mija u ghaxar euro u sittin centezmu (€7,810.60) bhala danni inkorsi mill-assikurat taghhom M Demajo Holdings Limited, gia imhallsa lill-assikurat, u dana bhala rizultat ta' nuqqas ta' *'pallet'* li kien jikkontjeni tnax-il kartuna, liema konsenja telqet mir-Renju Unit lejn Malta u wasslet Malta fl 14 ta' Jannar 2011 izda qatt ma wasslet ghand l-assikurat taghhom.

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata illi, preliminarjament, eccepiet illi l-isem TNT hija tradename u mhux socjeta estera u ghalhekk l-avviz kien null, kif ukoll eccepiet illi hija ma ghandhiex r-rappresentanza guridika ta' ebda socjeta estera u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fuq il-meritu, imbghad, is-socjeta intimata eccepiet illi hija ma hijex responsabbli tat-telfien allegat u, semmai, hemm limitazzjoni li ghandha tigi applikata a tenur tal-polza tal-kariku.

Rat l-affidavit ta' **Diana Cassar**, direttur tas-socjeta initmata, ippresentat fil-11 ta' Mejju 2012.

Semghet il-kontro ezami ta' Diana Cassar moghtija quddiem dina l-Qorti fil 25 ta' Frar 2013.

Rat l-affidavit ta' **Andrew Camilleri**, junior executive fi hdan is-socjeta Atlas Insurance PCC Limited ippresentat fil 25 ta' Frar 2013 u dokumenti minnu esebiti.

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2011 is-socjeta Atlas Insurance PCC Limited u Elmo Insurance Limited ippresentat ittra ufficjali fil-konfront tas-socjeta intimata bhala agent tas-socjeta estera TNT liema ittra giet lilha notifikata fis-17 ta' Novembru 2011 (fol 22 u 23).

Rat id-dokument ippresentat mis-socjeta intimata fid-29 ta' April 2013 li jikkoncerna Joint Operating Agreement bejn is-socjeta intimata u s-socjeta estera TNT Skypack Hellas EPE.

Rat id-dokument ippresentat mis-socjeta intimata fis-17 ta' Mejju 2012 fejn l-istess socjeta initmata esebiet korrispondenza mibghuta lill certa Paul Grech relatata mal-konsenja meritu tal-kawza odjerna, fl-ahhar ta' liema email, f' tipografiga zghira, hemm miktub is-segwenti: "*C&C Express Ltd is not an agent of TNT Holdings B.V. or TNT Express Holdings B.V. or any of their respective subsidiaries or affiliates but an independent contractor operating under a Joing Operating Agreement and licensed to use the TNT logo. Carriage of goods is subject to TNT Terms and Conditions available on request.*"

Semghet ix-xhieda ta' **Andrew Camilleri** moghtija fis-27 ta' Mejju 2013.

Rat il-korrezzjoni illi ntalbet u giet awtorizzata minn dina l-Qorti fejn, wara il-kliem "TNT", zdiedu l-kliem "Skypack Hella EPE".

Rat illi, fit-30 ta' Settembru 2013, dina l-Qorti tat decizjoni parzjali fejn cahdet iz-zewgt eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta intimata.

Rat illi fit-30 ta' Settembru 2013 il-kawza giet differita ghat-tkomplija tal-provi fuq il-meritu.

Rat l-affidavit ta' **Andrew Camilleri** ippresentat fid-9 ta' Mejju 2014 u dokumentazzjoni minnu esebit.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta rikorrenti fil-21 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Buttigieg**, logistics Manager ma' M Demajo Group Holdings Limited, prodott mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit-13 ta' Gunju 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebiti.

Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2014 is-socjeta rikorrenti iddikjaraw illi ma' kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mario Buttigieg moghtija fis-6 ta' Lulju 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Andrew Camilleri moghtija fis-6 ta' Lulju 2015.

Rat l-affidavit ta' **Diana Cassar** ippresentat fit-22 ta' Frar 2016

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Diana Cassar moghtija fit-28 ta' April 2016.

Rat illi fit-28 ta' April 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat illi fl-24 ta' Novembru 2016 is-socjeta rikorrenti ippresentaw is-sottomissjonijiet taghhom.

Rat illi fit-9 ta' Jannar 2017 is-socjeta intimata ippresentat is-sottomissjonjiet taghha.

Rat illi fit-12 ta' Jannar 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjetajiet rikorrenti kienu qed jassikuraw id-ditta M Demajo Holdings Limited, liema socjeta, minn naha taghha, kienet xtrat xi merkanzija minn gewwa l-Ingilterra u kienet baghtet tali merkanzija mill-Ingilterra ghal Malta tramite servizz moghti mis-socjeta intimata C&C Express Limited, li kienet topera trasport moghti mis-servizz internazzjonali bl-isem ta' TNT.

Jirrizulta illi, allegatament, il-merkanzija illi kienet intbaghtet Malta ma wasslietx kollha ghand M Demajo Holdings Limited, u ghalhekk l-istess socjeta M Demajo Holdings Limited ghamlet *'claim'* mas-socjetajiet rikorrenti ghal €7,810.60, liema talba intlaqet u sar il-hlas lill-istess socjeta assikurata, bid-debita surroga fid-drittijiet taghha a favur tas-socjetajiet attrici.

Jirrizulta illi, sussegwentement, wara illi sar il-pagament, s-socjeta Atlas Insurance PCC fl-14 ta' Novembru 2011 baghtet Ittra Ufficjali lis-socjeta intimata, fil-kapacita taghha ta’ Agent tas-Socjeta Estera TNT, liema ittra ufficjali wasslet ghand l-istess socjeta intimata fis-17 ta' Novembru 2011. Ma saret ebda risposta tramiet Ittra Ufficjali da' parte tas-socjeta intimata ghal lttra Ufficjali tas-socjeta rikorrenti.

Illi sussegwentement, fis-16 ta' Jannar 2012 is-socjeta rikorrenti intavolat l-proceduri odjerni.

Jirrizulta illi s-socjeta M Demajo Holdings Limited, illi kienet is-socjeta illi eventwalment ghamlet il-claim mas-socjeta rikorrenti, tramite ir-rappresentat taghha, Mario Buttigieg, tikkontendi illi minn l-Ingilterra, s-socjeta Ingram Micro BV baghtet 13 il-pakkett, u ghal dan il-ghan saret referenza ghall-Invoice mahruga mill-istess Ingram Micro BV a fol 88 tal-process datata 15 ta’ Dicembru 2010 – madanakollu, jigi rilevat illi indikazzjoni ta’ f’kemm il-kaxxa kienet tikkonsisti l-konsenja ma hemmx.

Jirrizulta ikkonfermat illi fil-11 ta’ Jannar 2011, il-merkanzija ingabret minn gewwa l-Ingilterra, kif tindika email ta’ Rachel Mugliette, impjegata tas-socjeta intimata, a fol 86 tal-process, fejn hija tikkonferma illi l-merkanzija ingabret – jigi rilevat illi indikazzjoni ta’ kemm il-kaxxa intbghatet ma hemmx fl-email.

Jirrizulta illi, sussegwentement, meta wasslet il-merkanzija Malta, kien hemm kaxxa wahda ta’ 13kg, u dina ingabret, kif jidher fid-dokument a fol 89, fl-14 ta’ Jannar 2011.

Jirrizulta illi fis 6 ta’ April 2011, is-socjeta intimata, tramite is-Senior Manager taghha, Steve Carabott, gharraf lis-socjeta Newtech Limited, illi kienet attwalment qed timporta l-merkanzija li kienet ta’ M Demajo Holdings Limited, illi abbazi ta’ l-informazzjoni li Newtech ghaddiet lilhom illi kienu qed jistennew 12-il kaxxa u mhux kaxxa wahda, huwa talbu sabiex il-kaxxex jinstabu, izda dawna ma setghux jinstabu.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza kollha odjerna hija bbazata fuq il-fatt illi s-socjeta Newtech Limited kellha tircievi konsenja u sussegwentement qieghda tikkontendi illi mhux il-konsenja kollha wasslet.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi hemm hafna nuqqasijiet u inkonsistenzi da' parte tas-socjeta Newtech Limited u M Demajo Holdings Limited illi jimmilitaw favur is-socjeta intimata.

Di fatti, fis-6 ta' April 2011, jidher illi s-socjeta intimata ikkonfermat illi s-socjeta Newtech Limited kienet baghtet Ittra fl-24 ta' Jannar 2011 u e-mail fl-24 ta' Marzu 2011, (li kopja ta' dawna z-zewgt dokumentazzjoni qatt ma inghaddew lill dina l-Qorti), fejn l-istess socjeta Newtech Limited allegatament infurmat lis-socjeta intimata illi kellhom jaslu tnax-il kaxxa u mhux kaxxa wahda. (vide fol 79)

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi x-xhud principali Mario Buttigieg, meta xehed dwar x'merkanzija kellha tasal, qal illi ghalkemm huma jinsistu illi kellhom jaslu tlettax-il kaxxa, huwa ma ghandu **ebda** dokumentazzjoni biex juri illi attwalment kienu intbghatu tlettax-il kaxxa lejn Malta. (vide fol 102).

In vista ta' dan in-nuqqas ta' dokumentazzjoni pprovduta mis-socjeta rikorrenti, il-Qorti bilfors ikollha tistrieh fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mis-socjeta intimata, illi kienet attwalment hi reponsabbli ghall-gbir tal-merkanzija gewwa l-Ingilterra w ghall-garr taghha lejn Malta.

Jirrizulta, mid-database tas-sistema tal-garr tal-merkanzija illi topera s-socjeta intimata, illi fl-10 ta' Jannar 2011, fil 22.56 waslet il-konsenja gewwa d-depot taghhom l-Ingilterra (fol 118) u jidher car illi wasal pakkett **wiehed biss**. Jirrizulta wkoll illi dana il-pakkett wiehed kien mwiezen u jirrizulta li kien fih 60cm f'tul, 34cm f'wisgha u 41cm f'gholi, total ta' kubagg .0.83mk, u kien jizen 13-il kilo b'kollox. (fol 119)

Jirrizulta illi dana il-pakkett gie eventwalment processat u mibghut Malta, fejn ingabar minn Vincent Grech fl-14 ta' Jannar 2011.

Ghalhekk, mid-dokumentazzjoni kollha fil-pussess ta' dina il-Qorti, jidher car illi, a differenza ta' dak illi qed jikkontendu s-socjeta M Demajo Holdings Limited, li eventwalment thallsu mis-socjeta rikorrenti bhala l-assikuraturi taghhom, lis-socjeta intimata intbghatitilha biss pakkett wiehed illi hija debitament garret lejn Malta u kkonsenjat lilhom kif miltub.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi mid-dokumentazzjoni kollha esebita quddiemha, minn imkien ma jidher illi qatt kellhom jintbghatu tlettax-il kaxxa u l-unika dokumentazzjoni tas-socjeta Ingram Micro UK Ltd certament ma' jaghti ebda indikazzjoni tal-mod kif l-oggetti hemm indikat gew stivati biex jintbghatu Malta jew kemma il-pakket attwalment intbghat.

Ghalhekk, il-Qorti ma tistax ma taqbilx mad-difiza tas-socjeta intimata illi ma gietx ippruvata li tlettax-il kaxxa gew mghoddija lis-socjeta intimata ghall-garr lejn Malta u ma gietx ippruvata illi s-socjeta M Demajo Holdings Limited attwalment soffriet it-telf illi ghaliha s-socjeta rikorrenti hallsu abbazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni illi huma kellhom mas-socjeta M Demajo Holdings Limited.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni tal-abbli avukati,

Taqta u tiddeciedi billi,

Filwaqt illi tasjteni billi tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tas-socjeta intimatam stante illi dawna gia gew decizi fit 30 ta' Settembru 2013,

**Tilqa** t-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata, u dana ghar-ragunijiet fuq ahjar spjegati,u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici.

In vista ta' l-ewwel zewgt eccezzjonijiet imressqa mis-socjeta intimata, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**

Deputat Registratur